**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 1 ta' Gunju, 2022**

Numru 5

**Appell Nru. 51/2021**

**Ludwig Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Ludwig Camilleri tas-7 ta’ Dicembru 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-18 ta’ Novembru 2021 ta’ rifjut tat-Tribunal ta’ PA7807/16 ’proposed relocation of kerb side fuel station and ancillary services (duly licenced) at 6 Vally Road, Msida to site in Triq l-Imdina;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jikkoncerna talba sabiex issir kostruzzjoni ta' fuel station li tinkludi facilitajiet ancillari, b'din il-proposta tinkludi rilokazzjoni ta' pompa tal-fuel ezistenti li tinsab fi Triq il-Wied, l-Imsida. Is-sit propost ghal dan l-izvilupp jinsab barra l-konfini taz-zona tal-izvilupp fi Triq l-Imdina, fil-lokalita ta' H'Attard.

L-izvilupp propost gie rrifjutat minn l-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-bazi ta' erba' (4) ragunijiet ta' rifjut, ossia li: · ·
●Il-fuel station proposta hija pozizzjonata parzjalment fil-konfini ta' buffer ta' 300 metru min sors tal-ilma tal-pjan, bi ksur tal-paragrafu 5.1 tal-Fuel Service Stations Policy tal-2015; · ·
●Il-fuel station proposta tinsab inqas min 500 metru min fuel station ezistenti bi ksur tal-paragrafu 5.4 tal-Fuel Service Stations Policy tal-2015; · ·
●Il-proposta ma tinkludiex l-informazzjoni necessarja sabiex issir evalwazzjoni ta' rekwiziti relatati ma' transport, dan minhabba li ma gietx sottomessa din l-informazzjoni fiz-zmien hekk kif stipulat f'Regolament 12 (1) tal-Avviz Legali 162 tal-2016. · ·
●L-iskala tal-hwienet proposti Klassi 4B hija eccessiva u tirrizulta fi zvilupp eccessiv tas-sit. Tali zvilupp m'huwiex flinteress ta' l-amenita taz-zona u jmur kontra Rural Objectives 3 u 4 tal-iSPED.

L-appellant dahhal appell kontra din id-decizjoni, u jirribatti fuq ir-rifjut tal-Awtorita' b'erba (4) aggravji, fejn jindika illi:
1. L-Awtorita` applikat kriterji u kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk applikati f'kazijiet simili ghall-kaz odjern;
2. L-kalkolu maghmul mill-Awtorita fir-rigward ta' distanza min fuel stations ohra imur kontra l-kalkolu maghmul millAwtorita f'kaz identiku;
3. Kull materja li tirregola it-trasport hi ben stabbilita u giet sottomessa, u ghalhekk din ma kelliex tkun raguni tar-rifjut;
4. Matul is-seduta tal-Bord tal-Ippjanar saret talba sabiex il-pjanti jigu emendati biex jitnaqqas b'mod drastiku il-qies talhanut propost, izda din ma gietx ikkunsidrata.

Illi l-Awtorita' baqghet ferma fl-oggezzjoni taghha, u targumenta li kull kaz huwa evalwat skont il-merti partikolari tieghu u li ddistanza ta' 500 metru min fuel station ezistenti tinkludi anke dawk pozizzjonati f'direzzjoni tat-traffiku opposta f'kaz li l-access ghal dawn ikun wiehed komdu. L-Awtorita tindika wkoll li filwaqt li thassib relatat ma' transport gie parzjalment indirizzat, xorta wahda ghadha ma gietx ottenuta clearance min Transport Malta.

Illi fil-mori ta' dan l-appell giet sottomessa proposta reveduta sabiex l-impront jigi ridott ghal 1,465 metru kwadru, il-fuel station tkun kompletament barra l-buffer ta' 300 metru min sors tal-ilma tal-pjan, il-bini jitnaqqas ghal 200 metru kwadru u l-basement ikun limitat ghal taht il-bini.

Illi partecipi f'dan l-appell hemm ukoll l-ERA u l-Kunsill Lokali ta' H'Attard.

Illi min-naha taghha l-ERA tishaq li d-decizjoni tar-rifjut ghandha tigi kkonfermata minhabba li kif gie identifikat fl-EIA l-izvilupp ghandu impatti sinjifikati fuq l-ambjent minhabba tehid ta' art mhux zviluppata b'kejl ta' cirka 3,000 metru kwadru u qlugh ta' 5 sigar maturi taz-znuber, kif ukoll ghar-ragunijiet hekk kif indikati fl-ewwel u t-tieni raguni tar-rifjut.

Illi min-naha tieghu, wara s-sottomissjoni ta' proposat reveduta da parti tal-appellant, il-Kunsill Lokali ta' H'Attard jishaq li dawn ma jindirizzawx it-thassib ewlieni ta' dan l-izvilupp li ghandu impatti ambjentali sinjifikati minhabba telf ta' art f'zona rurali ghal zvilupp kummercjali li jista` jigi akkomodat f'zoni industrijali jew open storage areas.

Fil-mori ta' dan l-appell gew sottomessi noti addizzjonali da parti tal-appellant fejn jitqajjmu l-punti segwenti: · ·
●Fir-rigward tal-buffer min sors tal-ilma tal-pjan, issir referenza ghal PA05477/16, u jinghad li filwaqt li fl-imsemmi permess it-tankijiet huma fil-buffer ta' 200 metru, fil-kaz odjern it-tankijiet jinsabu barra l-buffer ta' 300 metru, bl-unika intervent propost huwa landscaping u pavimentar; · ·
●Fir-rigward tad-distanza ta' 500 metru min fuel station ezistenti, jinghad li l-metodu ta' dan il-kejl ghandu jkun listess ghal kullhadd. L-appellant jaghmel referenza ghad-diskussjoni maghmula fis-seduta li fijha giet deciza l-applikazzjoni PA01516/16 u ghar-risposta tal-Awtorita fil-mori ta' appell interpost fuq l-applikazzjoni PA05448/16;
●Fir-rigward tal-clearance min Transport Malta, jigi ndikat li originarjament kien hemm clearance u ssir ukoll referenza ghal skambju ta' emails fil-mori ta' dan l-appell;

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

Ikkunsidra ulterjorment:
Fl-ewwel lok, it-Tribunal josserva li filwaqt li permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jargumenta li l-Awtorita` applikat kriterji u kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk applikati f'kazijiet simili, permezz tar-raba` aggravju jigi ndikat li l-applikant stess kien propens li jnaqqas l-iskala tal-hanut propost, filwaqt li permezz ta' sottomossjonijiet fil-mori ta' dan l-appell giet sottomessa proposta reveduta sabiex thassib fir-rigward tal-pozizzjoni tas-sit fil-buffer min sors tal-ilma tal-pjan jigi indirizzat.

Illi dawn ir-revizjonijiet in parti ixxejnu dak li qed jigi ndikat mill-appellant permezz tal-ewwel aggravju, filwaqt li dan it-Tribunal josserva li anke jekk f'xi kaz jirrizulta li gew moghtija permessi ghal zviluppi simili, dan bla ebda mod ma ghandu jxejjen iddispozizzjonijiet tal-policy regolatorja, f'dan il-kaz il-Fuel Service Stations Policy tal-2015

Illi fir-rigward tal-pozizzjoni tas-sit, fl-evalwazzjoni taghha tal-proposta odjerna l-Awtorita` esprimiet thassib minhabba li s-sit jinsab f'distanza ta' anqas min 500 metru il-boghod min fuel station ezistenti u minhabba li parti mis-sit jifforma parti mill-buffer ta' 300 metru min sors tal-ilma tal-pjan, u dan bi ksur ta' dak indika f'paragrafi 5.1 u 5.4 tal-Fuel Service Stations Policy tal2015. Illi kif gie ndikat aktar kmieni, fil-mori ta' dan l-appell giet sottomessa proposta reveduta sabiex thassib fir-rigward talpozizzjoni tas-sit fil-buffer ta' 300 metru min sors tal-ilma tal-pjan jigi indirizzat, ghaldaqstant l-ewwel u qabel kollox jehtieg li dan it-Tribunal jikkunsidra l-pozizzjoni ta' dan is-sit mill-fuel station ezistenti. Min-naha tieghu l-appellant qed jargumenta li l-proposta hija konformi mad-distanza stipulata f'paragrafu 5.4 tal-policy regolatorja, liema paragrafu jiddisponi hekk kif gej:
"Due to the confusion that may be created for the motorist, MEPA will not normally permit the location of a NUFS or RFS within a 500m distance of an EPFS, in the same direction of traffic. However, MEPA may favourably consider fuel stations on the opposite side of the road from an EPFS, if it can be demonstrated that traffic on the opposite lane from the EPFS cannot easily access it. In the case of two way single carriageways, fuel stations may not be allowed to be located directly opposite each other in view of possible conflicting entry and exit paths to each station."

Illi l-appellant jargumenta li l-metodu ta' kejl tad-distanza ta' 500 metru ghandu jkun l-istess ghal kullhadd, filwaqt li jaghmel referenza ghad-diskussjoni maghmula fis-seduta li fiha giet deciza l-applikazzjoni PA01516/16 u ghar-risposta tal-Awtorita` filmori ta' appell interpost fuq l-applikazzjoni PA05448/16. Fil-prezentazzjoni sottomessa mill-appellant fil-mori ta' dan l-appell jigi ndikat ukoll li skont pjanta a fol 216A it-tragitt bil-karozza bejn is-sit u l-fuel station ezistenti jammonta ghal 502 metri, filwaqt li wara l-approvazzjoni tal-permess PA 9870/19 it-

tragitt bil-karozza gie estiz ghal 510 metri, filwaqt li l-access ghal fuel station ezistenti m'huwiex wiehed facli minhabba li t-triq giet imwessa ghal zewg karregjati.

It-Tribunal josserva li l-permess PA 9870/19 m'huwiex relevanti ghal kaz odjern, izda jidher li l-appellant kien qed jaghmel referenza ghal permess PA 9890/17 li jirrigwarda "junction upgrading and road widening to existing roads and construction of new schemed road.".

It-Tribunal josserva li d-decizjoni f'dawn iz-zewg applikazzjonijiet, ossia l-applikazzjoni odjerna u l-applikazzjoni ta' PA 9890/17 ghal twessiegh tat-triq, ittiehdu fl-istess perjodu, bid-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna tittiehdet fil-25 ta' Lulju tal2019 u l-approvazzjoni tal-applikazzjoni PA09890/17 tittiehdet fit-18 ta' Lulju tal-2019. Bil-hrug tal-permess PA09890/17 jirrizulta li t-triq li jinsab fiha is-sit mertu ta' dan l-appell kif ukoll il-fuel station ezistenti, gie approvat it-twessiegh sabiex din tigi b'zewg kareggjati kull naha minflok il-wisa originali ta' kareggjata wahda fuq kull naha.

It-Tribunal josserva ulterjorment li huwa inkontestat bejn il-partijiet li fi Triq l-Imdina kienet tezisti right turn access ghall-fuel station u filwaqt li ghalkemm bl-approvazzjoni tal-permess PA09890/17 gie approvat it-twessiegh tat-triq ghal zewg karregjati fuq kull naha, dan l-istess right turn access ghall-fuel station ezistenti gie mizmum [Skont pjanta a fol 1594F fl-inkartament tal-PA09890/17]. Ghaldaqstant l-argument migjub mill-appellant li l-access m'huwiex wiehed facli ma jreggiex, partikolarment meta fl-imsemmi permess tal-progett maghruf bhala Central Link kienet anke giet ottenuta clearance min-naha ta' Transport Malta [Skont dokumenti a fol 1313A u 1977A fl-inkartament tal-PA09890/17].

Ili filwaqt li l-appellant jittenta li jxejjen l-interpretazzjoni tad-distanza hekk kif imkejjla mill-Awtorita` billi jindika li dan ghandu jigi mkejjel billi jigi kkunsidrat it-tragitt bil-karozza min fuel station ghal ohra (ossia dik ezistenti u dik proposta), it-Tribunal josserva li l-Awtorita` tal-Ippjanar propju applikat dan il-metodu ta' kejl sabiex waslet ghal konkluzjoni taghha li l-fuel station proposta hija pozizzjonata 499 metru il-boghod mill-fuel station ezistenti. Illi dan il-kejl gie mehud da parti tal-Land Survey Unit fi hdan lAwtorita` tal-Ippjanar u sar billi kien hemm superimpozizzjoni tal-orthophotos u survey mehud min dan l-istess Unit [Skont minuta 201 u dok a fol 201A fl-inkartament tal-PA07807/16]. Ghalkemm l-appellant baghat l-interpretazzjoni tieghu tad-distanza bejn iz-zewg fuel stations, mill-atti ta' dan l-appell, ma jirrizultax li lappellant pprova jxejjen il-kejl kif ikkalkulat mill-Land Survey Unit u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jiskarta dan..

Illi ghaldaqstant l-argument migjub mill-appellant li d-distanza tat-tragitt bil-karozza min fuel station ghal ohra jammonta ghal 502 metri huwa wiehed infondat, u fil-fehma ta' dan it-Tribunal huwa ukoll argument kemmxejn imgebbed ghaliex l-ispirtu tal-Fuel Station Policy tal-2015 huwa li ma' jkunx hemm fuel stations godda fil-vicin ta' fuel stations ezistenti, u dan ghas-semplici fatt li z-zona tkun qieghda gia servuta. B'zieda ma' dan it-Tribunal josserva wkoll li din il-policy regolatorja tinkludi options ohra ta' fejn fuel station gdida tista` tigi proposta, bhal per ezempju siti fil-vicinanzi jew fi hdan zoni industrija siti. Illi fil-fehma ta' dan itTribunal, il-pozizzjoni tas-sit maghzul ma' ghandiex biss tiehu in konsiderazzjoni parametri numerici bhal dak tal-kaz odjern fejn ilkwistjoni jekk ghandux jinghata permess ghal fuel station gdida jew le donnu qed tintrabat ma' disputa fuq ftit metri, izda ghandu jinghata ukoll piz tal-kuntest li s-sit maghzul jinsab fih.

Illi ghalkemm jirrizulta li bl-approvazzjoni tal-permess PA 9870/19, it-tragitt bil-karozza bejn iz-zewg siti, ossia s-sit odjern u s-sit okkupat bil-fuel station ezistenti gie kemmxejn estiz b'rizultat li d-distanza minima ta' 500 metru giet maqbuza, certament ma jirrizultax li fil-mument tad-decizjoni tal-applikazzjoni odjerna x-xogholijiet approvati fil-permess PA 9870/19 kienu gew ezegwiti. Dan huwa propju ghaliex iz-zewg applikazzjonijiet gew decizi fl-istess perjodu, b'gimgha biss tissepara dawn iz-zewg decizjonijiet. Illi dan kollu ifisser li fil-

mument tad-decizjoni, id-distanza minima ta’ 500 metru min fuel station ezistenti ghal fuel station gdida ma’ kienx rispettat, u ghaldaqstant il-proposta hija bi ksur ta’ paragrafu 5.4 tal-Fuel Service Stations Policy tal-2015. Il-fatt li kien hemm approvazzjoni tal-permess PA9870/19 rigwardanti il-progett tac-Central Link ma ghandux jinciedi fuq din id-distanza ghaliex dan il-permess lanqas biss kien ghadu gie ppublikat u wisq aktar ix-xoghol ma kienx twettaq. Kieku kellu jigi kkunsidrat xenarju tat-triq differenti min dak ezistenti dakinhar tad-decizjoni tal-applikazzjoni soggetta ghal l-appell odjern, kellu jkun dak tas-sitwazzjoni meta kienu jitlestew ix-xoghlijiet kollha u b’hekk setghat tkun ikkonfermata id-distanza ppropja bejn iz-zewg siti.

B’mod ulterjuri, it-Tribunal jaghmel enfasi partikolari li f’dan il-kaz ghandha ssir konsiderazzjoni specjali tas-sitwazzjoni prezenti fil-mument tad-decizjoni u dan huwa partikolarment importanti minhabba l-fatt li l-policy relevanti li tirregola dan it-tip ta’ zvilupp giet eventwalment aggornata u ghalhekk tali zvilupp illum huwa regolat b’mod differenti.

Illi fir-rigward tat-thassib imqajjem mill-Awtorita` fir-rigward tal-pozizzjoni tas-sit parzjalment fil-konfini ta’ buffer ta’ 300 metru min sors tal-ilma tal-pjan, l-appellant jaghmel accenn ghal fuel station approvata fil-permess PA05477/16. It-Tribunal josserva li ghalkemm huwa minnu li s-sit approvata fil-PA05477/16 jinsab pozizzjonata bil-buffer ta’ 200 metru tal-ilma tal-pjan, hekk kif gie indikat aktar kmieni f’din id-decizjoni, dan bla ebda mod ma ghandu jxejjen id-dispozizzjonijiet tal-policy regolatorja. Di fatti, huwa l-appellant stess li jattenta li jkun konformi tad-dispozizzjonijiet tal-policy intenzjonati ghal protezzjoni tal-ilma tal-pjan, dan billi jipprezenta proposta reveduta sabiex il-bini tal-fuel station tkun kompletament barra l-buffer ta’ 300 metru. Illi ghalkemm tali revizjonijiet huma intizi sabiex jindirizzaw thassib imqajjem, gialdardarba huwa deciz li d-distanza ta’ 500 metru specifikata f’paragrafu 5.4 tal-Fuel Service Stations Policy tal-2015 ma’ hijiex qed tigi rrispettata, ikun inutli li t-Tribunal jikkunsidra dawn ir-revizjonijiet b’mod ulterjuri anke ghaliex jkun necessarju jsir aggornament tal-proposta b’modd holistiku anke fil-konfront tal-entitajiet konsultati.

Dan ir-ragunament japplika ukoll ghal l-argumenti migjuba mill-appellant fil-konfront tat-tielet u r-raba` ragunijiet tar-rifjut. Dan ghaliex fil-konfront tat-thassib imqajjem fir-rigward tal-iskala tal-hwienet Klassi 4B, l-appellant jillimita ruhu billi jaghmel referenza ghal pjanti reveduti li jindikaw skala izghar ta’ bini, filwaqt li fil-konfront ta’ nuqqas ta’ clearance min-naha ta’ Transport Malta, ghalkemm l-appellant jaghmel referenza ghal skambju ta’ emails ma’ Transport Malta, ma giet pprovduta lebda kopja ta’ dawn l-emailsIt-Tribunal josserva wkoll li ghalkemm fil-process inizjali tal-applikazzjoni odjerna kienet giet pprezentata clearance min Transport Malta [Skont dok a fol 50J fl-inkartament tal-PA07807/16], it-tqassim tal-fuel station gie emendat ghal diversi drabi fil-kors ta’ din lapplikazzjoni, u l-istess Transport Malta ghamlet talba ghal informazzjoni addizzjonali [Skont sezzjoni 4.7 tal-case officer report a fol 224A fl-inkartament tal-PA07807/16] li ma jirrizultax li giet sodisfatta. Barra min hekk giet sottomessa ebda clearance aggornata min din l-entita fil-mori ta’ dan l-appell, kemm ghal proposta kif prezentata quddiem il-Bord tal-Ippjanar kif ukoll ghal proposta emendata kif prezentata quddiem dan it-Tribunal.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, dan it-Tribunal qieghed jichad l-appell, u jikkonferma d-decizjoni tar-rifjut tal-PA07807/16.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ma tax direzzjoni motivata ghaliex il-kejl sottomess mill-applikant dwar id-distanza minn fuel stations ezistenti ghal dak propost ma kienx attendibbli daqs dak sottomess mill-Awtorita. Il-provi juru b'mod car illi d-distanza hi iktar minn 500 metru kif irid policy 5.4 tal-Policy Guidelines for Fuel Stations. Anki bil-progett tas-central link id-distanza bejn il-fuel stations zdiedet u l-applikant kien gia mitlub mill-Awtorita biex jaggusta l-kejl anki ghal dan. Ghalkemm it-Tribunal qal li l-progett tas-central link ma kienx implimentat imma sad-decizjoni ta' dan l-izvilupp, il-progett tas-central link kien approvat u illum anki implimentat. In oltre t-Tribunal ma tax spjegazzjoni ghax intuza metodu ta' kejl differenti f'PA1516/16 u PA5448/16. Anki rigward l-approvazzjoni ta' Trasport Malta, dan effettivament kien gia sehh. Fl-ahhar l-appellant jghid li t-Tribunal mar oltre r-ragunijiet ta' rifjut meta qal li hemm kwistjonijiet aktar wiesa ghaliex il-policy kellha tigi interpretata b'mod li fuel stations ma jkunux vicin xulxin;
2. Ghalkemm l-appellant wera illi t-tankijiet ma kienux fil-buffer zone ta' area tal-ilma tal-pjan, it-Tribunal skarta l-aggravju tal-appellant billi qies li xorta wahda d-distanza ta' 500 metru ma kinitx qed tigi rispettata;
3. In kwantu ghal revizjoni tad-daqs tal-hwienet, it-Tribunal lanqas dahal fl-aggravju billi cahad l-aggravju dwar id-distanza ta' 500 metru bejn iz-zewg pompi.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju hu marbut ma' kondizzjoni specifika fil-Fuel Stations Policy 2015 cioe li ma jistax ikun hemm zvilupp ta' zewg petrol stations fl-istess linja ta' traffiku li huma anqas minn 500 metru boghod minn xulxin. Skont l-Awtorita d-distanza kienet ta' 499 metru u skont l-appellant 502 metru. It-Tribunal qies il-prova tal-Awtorita bhala iktar attendibbli, u dan billi qies li l-appellant ma xejjinx il-prova tal-Awtorita. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konsiderazzjoni li kienet wahda fattwalment sostanzjali ghal fini ta' determinazzjoni tal-appell. It-Tribunal hu awtorita revizura u bhala tali trid taghti motivazzjoni cara ghaliex il-fehma tal-Awtorita rigward id-distanza bejn iz-zewg pompi kienet teknikament u fattwalment ahjar minn tal-appellant. Dan ma jirrizultax minn qari tad-decizjoni u osservazzjoni semplici li l-kejl mehud mil-Land Survey Unit fi hdan l-Awtorita tal-Ippjanar li sar billi kien hemm superimposition tal-orthophotos u survey tal-istess Unit mhix konsiderazzjoni tat-Tribunal izda ripetizzjoni ta' dak sottomess mill-Awtorita. Pero l-Qorti hi perplessa meta t-Tribunal jirrikonoxxi li bil-

hrug tal-permess ta' twessigh u alterazzjoni tat-triq 9890/17 granet qabel id-determinazzjoni ta' din l-applikazzjoni d-distanza minima ta' 500 metru giet maqbuza. Fl-istess nifs pero jghid li x-xoghlijiet konnessi ma' permess 9890/17 ma kienx ghadhom esegwiti. Ezegwiti u mhumiex il-permess ta' twessigh kien inghata. Jidher in oltre li fil-mument tad-decizjoni tat-Tribunal ix-xoghlijiet tlestew. It-Tribunal ma setax jiskarta dawn il-fatti u jekk kellu dubju jekk bit-triq ezistenti illum id-distanza gietx superata seta' jibghat kollox lill-Awtorita biex tiddetermina l-kwistjoni. Il-Qorti ma fehmitx ir-referenza tat-Tribunal aktar il-quddiem fid-decizjoni illi f'dawn ic-cirkostanzi, prezentament dan it-tip ta' zvilupp kien regolat b'mod differenti. Jekk qed jirreferi ghal Policy Guidance for Fuel Stations 2020 dan dahal fis-sehh wara l-permess PA9890/17 u ghalhekk il-kwistjoni mhix wahda ta' bdil ta' policy izda jekk skont il-policy tal-2015 u bil-permess mahrug u ezegwit PA9890/17 kienx hemm distanza ta' aktar minn 500 metru bejn iz-zewg pompi. Osservazzjonijiet ohra li ghamel it-Tribunal fosthom dak li l-policy trid tittiehed minn perspettiva aktar miftuha huwa irrilevanti u jirrazentaw l-ultra petita meta tqis ir-ragunijiet espliciti tar-rifjut. Ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal kienet nieqsa minn motivazzjoni u sa certu punt kontradittorja.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju jisthoqqlu jigi milqugh billi t-Tribunal stess jikkonferma illi bil-modifiki fil-kobor tal-izvilupp ma kienx ser jigi mittiefes il-buffer tal-area taz-zona tal-ilma. Ghalhekk it-Tribunal kellu jilqa' l-aggravju mhux jinjorah ghax skont l-istess Tribunal ma issuperax l-iskoll tad-distanza.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju hu wiehed dwar punt ta' fatt. Filwaqt li l-appellant iqis li kien hemm il-kunsens ta' Transport Malta ghall-izvilupp emendat, it-Tribunal ma kienx konvint li tali prova kienet tezisti. Rigward interpretazzjoni tal-fatti din il-Qorti ma tintromettix ruhha pero billi qed jintlaqghu l-ewwel zewg aggravji din il-kwistjoni ghandha tigi rimessa ghall-approvazzjoni o meno b'mod car, tal-Awtorita tat-Trasport.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' Ludgwig Camilleri u, filwaqt li tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-18 ta' Novembru 2021, tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jirregola ruhu in linea mas-sentenza tal-Qorti. Spejjez ghall-Awtorita.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur